Niftakar ta’ Anton Buttigieg

Nota

Din hija waħda mill-isbaħ poeżiji ta’ Anton Buttiġieġ. Il-poeta b’nostalġija jiftakar f’żewġ okkażjonijiet totalment opposti, waħda ta’ ferħ u l-oħra ta’ niket u b’ hekk joħloq kuntrast fejn okkażjoni sabiħa tidher isbaħ jekk tqabbilha ma’ okkażjoni kerha u bil-maqlub.

Interessanti li Anton Buttigieg jagħmel referenza mhux biss għal dak li ra fiż-żewġ okkażjonijiet, imma wkoll għal dak li sema’, bħad-daqq tal-qniepen; “il-ħsejjes taż-żwiemel” u l-ħoss tal-ħabel iżaqżaq. Isemmi dak li xamm bħall-fwieħa tal-fjuri u dak li ħass “l-għafsa ta’ idek”. F’din il-poeżija titfaċċa t-tixbiha tal-ġrajja tal-Ġnien tal-Eden fejn il-poeta tant kien kuntent meta żżewweġ li jqabbel lilu u ‘l martu ma’ Adam u Eva. Bħalma l-ferħ ta’ Adam u Eva ma kellux idum wisq, hekk ukoll il-ferħ tal-poeta ma kellux itul u allura mill-ewwel strofa għandek preparazzjoni għat-tieni strofa.

It-tieni strofa għandek paralleliżmu kontinwu. Kull deskrizzjoni li tnissel ferħ fl-ewwel strofa hija bbilanċjata b’deskrizzjoni li tnissel dwejjaq fit-tieni strofa. B’hekk il-kuntrast joħroġ aktar b’saħħtu. Permezz ta’ din il-poeżija nindunaw kemm il-kelma anke jekk konċiża (fil-qosor) għandha l-qawwa mhux biss li tpinġilek sitwazzjoni imma li tibni atmosfera, tant li tħossok qiegħed tieħu sehem fiċ-ċerimonja tat-tieġ, tisma’ “l-Ave Marija ta’ Schubert” u xxomm “taż-żahar il-fwieħa”. L-istess id-deskrizzjonijiet tar-riċeviment fid-dar u ċ-ċerimonja tal-funeral fil-knisja bl-element taż-“żewġ fillieri tfal iltiema”. Din id-drawwa li kienu jistiednu lit-tfal tal-istituti għall-funerali nqatgħet madwar 40 sena ilu. Bla dubju ta’ xejn tqanqlek id-deskrizzjoni fiċ-ċimiterju deskritta pass wara l-ieħor.

F’ ħafna partijiet tal-poeżija nsibu l-użu tar-rima mbewsa. Ir-rima tibqa’ għaddejja sal-aħħar żewġ versi biex bħal donnu tħallik bit-togħma morra li toffri l-esperjenza tal-mewt.

Fil-poeżija għandna l-użu ta’ diversi figuri tad-diskors fosthom:

is-similitudni (tqabbil bl-użu ta’ *bħal*, *daqs*, donnu, *qisu*): “bħal Eva u Adam”.
is-sinkope (tneħħija ta’ vokali f’nofs il-kelma): “imb’għad”.
l-anafora (ripetizzjoni ta’ kelma fil-bidu ta’ versi taħt xulxin): “ta’ ferħ....
ta’ dawl....
ta’ ġid.....”.
il-polisindeto (l-użu ripetut ta’ xi konġunzjoni): “u l-*foxtrot* u t-tango u l-waltzer.....”.
l-epiżewski (ripetizzjoni ta’ kelma biex toħloq enfasi) “qajl qajl”.
l-onomatopea (verb li jurik il-ħoss) “iżaqżaq”.